

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1851

tad-29 ta' Settembru 2022

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra, dwar l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma speċjalizzat dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra <sup>(1)</sup> ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2270 <sup>(2)</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2017.
- (2) Skont il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim ("il-Kumitat Konġunt") jista' jwaqqaf gruppi ta' ħidma speċjalizzati sabiex jassistuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu. Dawk il-gruppi ta' ħidma għandhom jippreżentaw rapporti dettaljati dwar l-attivitàjiet tagħhom lill-Kumitat Konġunt f'kull waħda mil-laqgħat tagħhom.
- (3) Kemm l-Unjoni kif ukoll il-Mongolja esprimew interess fit-twaqqif ta' grupp ta' ħidma speċjalizzat dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp sabiex jifformalizza u japprofondixxi l-kooperazzjoni għall-iżvilupp bejn il-Partijiet u sabiex jagħti kontribut lill-Kumitat Konġunt.
- (4) Il-Kumitat Konġunt, matul ir-raba' sessjoni tiegħu jew, jekk ikun xieraq, permezz ta' proċedura bil-miktub qabel dik is-sessjoni f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, għandu jadotta deċiżjoni dwar it-twaqqif ta' ta' grupp ta' ħidma speċjalizzat dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u dwar l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tiegħu.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, peress li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ser tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-raba' sessjoni tal-Kumitat Konġunt, jew, jekk ikun xieraq, permezz ta' proċedura bil-miktub qabel dik is-sessjoni, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.
2. Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet żgħar fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

<sup>(1)</sup> ĠU L 326, 9.12.2017, p. 7.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2270 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (ĠU L 326, 9.12.2017, p. 5).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2022.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J. SÍKELA

---